MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 14/1997/1

Rikors Nru: 14/97

Kummissarju tal-Artijiet

Vs

Carmel Fabri

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' L-Art li jesponi bir-rispett

Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta Frar 1997 l-intimat gie notifikat b'kopja ta Dikjarazzjoni tal-President ta Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-fond Nru 166 Triq San Guzepp, l-Isla kif indikat bhala item Nru 5 fl-imsemmija dikjarazzjoni huwa mehtieg ghall-Skopijiet Pubblici u li l-akkwist tieghu ghandu jkun b'titolu ta Dominju Pubbliku.

Illi l-intimat gie ukoll notifikat b'Avviz ghall-Ftehim fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas b'titolu ta Dominju Pubbliku tal-fond fl-Isla fuq imsemmi huwa ta tletin Lira Maltin u tmenin centezmu fis-sena (Lm30.80) kif jidher mir-rapport tal-perit John Sciberras A & CE tal-14 ta Novembru 1996 li kopja tieghu hija annessa ma l-istess Avviz ghall-ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-26 ta Frar 1997 l-intimat ma rispondiex kif titlob il-ligi ghall-Avviz ghall-Ftehim u ghalhekk jitqies illi accetta l-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord noghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta Dominju Pubbliku il-fond fl-Isla fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv kif gia accetat jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88)

Ra r-risposta tal-intimat Carmel Fabri li jesponi bir-rispett

Illi l-mittent jaghmel referenza ghall-att gudizzjarju li kien jikkonsisti fin-notifika ta "Dikjarazzjoni tal-President" referibbilment ghall-fond numru 166, Triq San Guzepp, l-Isla, liema att gie intavolat minnek fir-Registru ta dan il-Bord fis-6 ta Frar, 1997 u li gie notifikat lil Carmel Fabri ta numru 162, Flat 7, Triq San Guzepp, l-Isla air termini ta artikolu 9, sub artikolu (1) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta Malta.

Illi l-mittent jgharrfek li permess li l-fond 166 Triq San Guzepp, l-Isla li gie akkwistat minnek b'titolu ta Dominju Pubbliku kienet id-dar ta abitazzjoni tal-mittent li garbet hsarat irreparabbli minhabba xogholijiet li saru bi traskuragni f'fond iehor mid-dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, a tenur tal-proviso tas-sub artikolu (2) ta Artikolu

12 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta Malta inti kont tenu li tipprovdi lill-mittent “fejn joqghod band’ohra li ragonevolment ikun bizzejjed ghan-nies li joqghodu f’dik id-dar”. U peress li l-fond alternattiv li inti pprovdejt lill-mittent jigifieri numru 162 Flat 7, Triq San Guzepp, L-isla ma giex mghoddi lilu bl-istess titolu li kien jokkupa l-fond numru 166 Triq San Guzepp, l-Isla ‘il ghaliex gie mghodddi lilu b’titolu ta keta flok b’titolu ta propjeta assoluta, il-mittent isostni li l-provvedimenti tal-ligi, partikolarment is-sub artikolu (2) ta Artikolu 12 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta Malta ma gewx fil-fatt osservati kif suppost.

Ra x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra r-relazzjoni tieghi li biha gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC Frederick Valentino

Ra r-relazzjoni ta l-imsemmija periti

Ikkonsidra,

1. Fir-risposta tieghi tas-26 ta Frar 1997 l-intimat ma ndikax l-ammont li qed jitlob kif titlob il-ligi u ghalhekk jigi accetta l-ammont offrut mir-rikorrent. Intilef hafna zmien l-aktar ghaliex il-proceduri baqghu sejrin kif gara f’hafna rikorsi pendenti quddiem il-Bord. Il-Bord kif presedut mhux ser jittollera dewmien jigi minn fejn jigi. Ta dan il-fatt ser jibda jipprovdi fil-Kap ta l-ispejjez kif ghandu d-diskrezzjoni skond l-Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta kif ukoll ser jipprovdi b’modi ohra skond is-setghat moghtija lilu mill imsemmi Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta.

Ghalhekk il-Bord jilqa t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimat jittrasferixxi b’titolu ta Dominju Pubbliku l-fond numru 166, Triq San Guzepp, l-Isla kif indikat fl-atti bil-kumpens ta Lm30.80; jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku bhal Nutar tad-Dipartiment ta l-Art fl-Ufficcju tar-rikorrent fil-11 ta’ Lulju fl-10.00 am; jahtar lid-Dottoressa Daniela Mangion biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci; l-ispejjez minhabba dak li

inghad fuq jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.  Jibqghu sha jeddijiet ohra li jista jkollu l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------